# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 13 ta' April 2016

Rikors Guramentat Nru. 167 / 12RGM

Kawza fil-lista: 14

**V B f'isimha u bhala kuratrici *ad litem* ta' bintha M B b'digriet tas-6 ta' Awwissu 2012**
**vs**
**R B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attrici fis-26 ta' Lulju 2012 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi hija u l-intimat izzewwgu fis-27 ta' Gunju 1988 u ghandhom zewgt itfal, it-tieni wahda ghadha minorenni, M ta' sittax (16) –il sena;

Illi l-hajja konjugali bejniethom m'ghadhiex aktar possibli minhabba sevizzi, theddid, ingurji gravi min naha tal-intimat kontra l-esponenti minbarra nuqqas ta' hlas ta' manteniment u ghalhekk kellha tmexxi f'din il-kawza wara li ngahtat il-permess mehtieg;

Ghaldaqstant jghid l-intimat ghala din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara il-firda personali bejn il-konjugi B ghar-ragunijiet imputabbli unikament ghal zewgha R B; u b'ordni tal-Qorti datata 9 ta' Frar 2016 din it-talba qed titqies bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju ai termini tal-artikolu 66F tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tafda l-kura u kustodja ta’ binthom minuri M f’idejn l-esponenti;

3. Tiffissa retta alimentari xierqa ghaliha u ghal bintha M;

4. Tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwidaha u taqsamha bejniethom;

5. Tikkomina kontra l-intimat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili;

6. Tawtorizza lill-attrici sabiex ma’ bintha M – ad eskluzzjoni tal-intimat – li tibqa’ tghix fid-dar taz-zwieg.

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux minnu illi l-konvenut rrenda ruhu hati lejn l-attrici ta' eccessi, mohqrija, ingurji u theddid; mhux minnu li kien vjolenti. Kienet l-istess attrici li agixxiet b'mod irresponsabbli u ghalhekk filwaqt illi huwa ma jopponix it-talba ghal separazzjoni personali jghid illi din ghandha tinghata ghal ragunijiet esklussivament imputabbli lill-attirici.

Illi kienet l-istess attrici li dejjem taqla l-kwistjonijet anki ma' uliedha stess, kif ukoll tipprovoka persistentament lill-konvenut u turi indifferenza kbira fil-konfront tal-familja.

Illi fir-rigward tal-kura u l-kustodja ta' binthom M li llum ghandha 16-il sena, l-eccipjent jesigi illi huwa jkollu l-kura u l-kustodja assoluta u dan stante illi l-minuri diga attwalment tghix mal-missier u hija x-xewqa ta' l-istess minuri li tkompli tabita mal-missier.

Illi l-esponenti jopponi ghat-tielet talba attrici li jigi akkordat manteniment ghaliha personalment u dan peress li l-attrici kapaci tahdem u l-esponenti jikkontendi li hi hekk qed taghmel fil-prezent kif ukoll minhabba li l-attrici ghandha unikament iggorr il-htija tal-firda matrimonjali.

Illi l-konvenut jaqbel illi ghandha tigi xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-paritjiet u in oltre jaqbel illi l-oggetti li jiffurmaw parti mill-istess komunjoni jigu maqsum f'zewg porzjonijiet kif jigi stabbilit u ordnat minn din l-

Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda favur l-esponenti u ohra favur l-attrici.

Illi Artiklu 48 mhux applikablli kontra l-konvenut stante lanqas qatt m'abbanduna lill-parti 1-ohra u wisq anqas ma rrenda ruhu hati ta' qualsiasi ghemil li jaghti lok ghas-separazzjoni personali minhabba ragunijiet imputabbli lilu. Ghalhekk id-disposizzjonijiet indikati ghandhom jigu applikati fuq l-attrici u mhux fil-konfront ta' l-eccipjent.

Illi fir-rigward, is-sitt talba ta' l-attrici, l-eccipjent jecepixxii illi ghandu jkun huwa li jabita fil-fond konjugali stante li kienet l-attrici illi kienet hatja ghal firda ta' bejniethom.

Illi l-kontendenti ma rnexxielhomx jikkonkludu separazzjoni bonarja bejniethom tort unikament tar-rikorrenti u dan minhabba li riedet timpika mal-konvenut u fi kliemha stess 'tmur il-qorti'. Min-naha tieghu l-konvenut ghamel dak kollu possibli sabiex jaslu ghal separazzjoni bonarja.

Illi l-eccipjent jecepixxi illi huwa m'ghandux ihallas l-ispejjez tal-proceduri odjerni u dan ghar-ragunijiet fuq premessi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-8 ta’ Novembru 2012 fejn il-Qorti nnominat lill-avukat Dottor Juliana Scerri Ferrante bhala Assistent Giudizzjarju;

Rat ix-xhieda tal-attrici, li xehdet fis-seduta mizmuma fit-3 ta’ Dicembru 2012 mill-Assistent Giudizzjarju; fis-seduta tal-11 ta’ Dicembru 2012 u fis-seduta tal-14 ta’ Jannar 2013;

Rat ix-xhieda ta’ Grace Degiorgio u Margaret Mangion, hut l-attrici li xehdu fis-seduta tat-13 ta’ Frar 2013 mizmuma mill-Assistent Giudizzjarju;

Rat ix-xhieda ta’ WPS 219 Erika Abela li xehedet fis-seduta tad-9 ta’ April 2013 mizmuma mill-Assistent Giudizzjarju, li ppresentat zewg files kontenenti r-rapporti kolla li saru mill-partijiet mal-Pulizija;

Rat ix-xhieda tal-attrici li xehdet fis-seduta tat-23 ta’ April 2013 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda tas-social worker Sarah Debono, li xehdet fis-seduta tas-7 ta’ Mejju 2013 mizmuma mill-Assistent Giudizzjarju;

Rat il-kontroezami ta' Grace Degiorgio, Margaret Mangion u tal-attrici, li saru fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2013 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat in-nota tal-konvenut tat-18 ta' Novembru 2013, li maghha gew annessi l-affidavit ta' Francis Callus, Ramona Callus, Haj Haba Hamid u Ruth Psaila;

Rat in-nota tal-konvenut tal-31 ta' Dicembru 2013, li maghha gew annessi l-affidavit tal-konvenut, ta' M B u ta' Doreen Agius;

Rat il-kontro-ezami tal-konvenut li sar fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2014 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2015 fejn Dr Deborah Delceppo ghall-konvenut ddikjarat li t-tfal tal-partijiet illum huma kollha maggiorenni;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut ippresentata fil-15 ta' Ottubru 2015;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici ppresentata ppresentata fit-22 ta' Ottubru 2015;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Frar 2016, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza;

IL-PROVI.

Fl-affidavit taghha, Fol 28, l-attrici ddikjarat li zzewget lill-konvenut fis-27 ta' Gunju 1988 wara li kienu ghamlu sentejn gharajjes. Ghandhom zewgt itfal Roderick u Carmen (M). Hi tghid li l-inkwiet nqala' fit-2008, meta r-ragel ma baqax jghaddilha l-flus. Qabel l-2001 l-konvenut kien impjegat u ma kellhomx problemi finanzjarji. Wara sar *self employed* u bdew il-problemi. Hi kkonfermat li kien jaghtiha Euro500 fix-xahar, wara beda jirregistra u beda jaghtija Euro50 fil-gimgha u mis-sena 2011 ma baqa' jaghtiha xejn.

Hi kkonfermat li fis-7 ta' Lulju 2011, ir-ragel telaq mid-dar flimkien maz-zewgt itfal, Roderick li kellu 23 sena u t-tifla ukoll marret tghix mieghu. Id-dar nxtrat waqt iz-zwieg mill-Housing. It-tifla twieldet fin-1995. Meta ghalqet 5 snin, fit-2000 l-attrici bdiet tahdem darbtejn fil-gimgha ghand in-nies sal-2005 meta wafqet billi sas-sena 2008 qabditha *depression*. Ir-ragel kien jahdem bhala self employed mit-2001 sat-2008, wara beda jirregistra u kien jaghtiha Euro 50 fil-gimgha. Hi nnotat li bejn it-2010 u it-2012 nbidel billi beda jhaddan religjon ohra. Hi tghid li kien ibezzahha u jkexkixha tant li kellha tmur ghand il-psikjatra Dottor

George Debono, li kien ta xi kalmanti. Hi tghid li l-konvenut kien vjolenti maghha fit-2008 ipprova jivgaha ghax kellhom argument fuq il-flus. Ghamlet rapporti lill-pulizija dwar il-vjolenza u tant bezghat li marret ghal xahar ghand ohtha. Irritornat id-dar u fil-14 ta' Dicembru 2011 ir-ragel dahal id-dar u wahhal sign 'For Sale' fuq id-dar minghajr ma qalilha. F'Mejju 2012, billi kellu c-cavetta tad-dar dahal fuqha, kellu bicca pipe f'idu u kellimha b'ton minaccjuz. Fis-27 ta' Lulju 2011 kellhom incident iehor meta it-tifla gibdet xi flus bil-cash link, u billi ta biss euro 50 kienet ipprotestat, ir-ragel mar jaghmel rapport l-ghassa filwaqt li t-tifla tatha daqqa ta' ponn.

L-attrici ddikjarat li d-dar applikaw ghaliha flimkien waqt iz-zwieg mill-Housing, flus imgemmghin ma ghandhomx, pero' fit-2004 wirtet LM17,000 minn ghand ommha, Catherine Gerada, ir-ragel ha LM6,000 u xtara Van Mitsbishi u hi l-bilanc ta' LM10,500 nefqithom benefikati fid-dar. Waqt iz-zwieg nxtrat daghajsa u karozza tal-marka Kia Avella GAQ259.

Grace Degiorgio, oht l-attrici kkonfermat li ghal habta tat-2010 ir-ragel kien jghid lill-martu li xtaq jixtri tebut u jitfghu taht is-sodda.

Ohtha l-ohra, Margaret Mangion, ikkonfermat li l-attrici kellha depression u kienet tibza toqghod wahedha u jew hi jew ohtha Grace kienu jmorru hdejha biex ma toqghodx wahedha.

Ix-xhud WPS 219 Erika Abela fis-seduta tad-9 ta' April 2013 ipprezentat r-rapporti segwenti;

3 ta' Novembru 2004. Rapport ta' Theresa B li zewgha dakinhar ippakkja hwejjgu u telaq biz-zewgt itfal bil-Mitsubishi EAV 048. L-argument nqala' billi l-attrici naqset li taghti lill-zewgha, LM1000 li kienet wegheditu, mill-flus li wirtet minn naha taghha tal-familja.

1 ta' Novembru 2004. Rapport ta' Theresa B li qalet li zewgha kien jghidilha li kien ser igibilha tebut ghal taht is-sodda taghha.

7 ta'Lulju 2007. Rapport ta' R B li ddikjara li kien qed jkollu argumenti kontinwi ma' martu u ddecida li jitlaq mid-dar bit-tfal u jmur jghix ghand huh.

29 ta' Ottubru 2008. Rapport ta' Theresa B li allegat li zewgha qabadha minn ghonqha billi ma sajritx, ghax ma kienx qed jaghtiha flus. R B kkontesta dawn l-allegazzjonijiet.

10 ta' Awissu 2011. Rapport ta' R B li ddikjara li tlett gimghat qabel kien telaq mid-dar matrimonjali, u stqarr li l-vettura Kia Avella GAQ259 tintuza biss minn martu.

9 ta' April 2012. Rapport ta' R B li lmenta li martu ghall-ahhar hmistax il-gurnata kienet qed isegwih bil-karozza KIA Avella JAQ259 u meta tarah tibda toffendih. Dawn l-allegazzjonijiet gew michuda minn martu.
20 ta' Gunju 2012. Rapport ta' Theresa B li ddikjarat li meta kienet il-Qorti tal-Familja, zewgha, R B ghedida bi vjolenza jekk tbiddel ic-cavetta tal-bieb ta' barra billi kien ghad ghandu hwejjgu hemmhekk.

20 ta' Awissu 2011. Rapport ta' Theresa B li kellha argument ma' binha Rodrick dwar vettura li kien xtara u li kienet registrata f'isimha. Hi kkonfermat li R B telaq mid-dar konjugali fit-28 ta' Lulju 2011 billi kellhom argument.

29 ta' Lulju 2011. Theresa B irrapportat li kienet qed tibza tohrog mid-dar billi kienet tibza minn zewgha, u talbet il-protezzjoni tal-Pulizija.

1 ta' Settembru 2012. Rapport ta' Theresa B li waqt li kienet ma' ohtha iz-Zurrieq, Francis Callus beda jigbdilhom ir-ritratti. Dan gie kkontestat mill-istess Francis Callus li ddikjara li ha ritratti tal-armar tal-festa u mhux tal-attrici u ohtha.

Sarah Debono, social worker li xehedet fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2003 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, ddikjarat li hi tahdem fid-Domestic Violence Unit tal-Appogg, li l-attrici kienet marret hemm f'Awissu 2011 u hi kienet ghamlet l-ewwel assessment f'Novembru 2011. L-attrici kienet allegat li zewgha kien refa' idejh fuqha, u l-istess ghamlet bintha ta' 18 il-sena. Baqghet taraha sa Mejju 2012. L-attrici kienet bdiet bil-proceduri ta' separazzjoni u kien hemm hafna konflitti fil-medjazzjoni billi r-ragel, skond l-attrici, ma kienx jaghtiha flus bizzejjed u l-kuntatt mat-tifla ma kienx regolari.

Francis Callus, il-kugin tal-attrici, fl-affidavit tieghu, Fol 142 irrakkonta xi incidenti strambi tal-attrici. L-ewwel wiehed kien meta it-tifla kienet ghadha tarbija ta' xi hmistax, talbitu u lill-gharusa tieghu, johduha il-Belt meta qalulha li kienu sejrin hemm. Darba ohra il-partijiet kellhom argument, l-attrici bil-forza zammet lill-konvenut milli johrog, dan resaq biex johrog u hi tefghetlu fanal ta' karozza li kien fil-garage izda fortunatament ma laqtitux. Hu kkonferma li l-attrici ma kienitx tghin fit-trobbija tal-ulied. Kienet tahdem ghand in-nies mit-Tnejn sa s-Sibt minn kmieni sa tard izda zewgha ma kellux idea x'kienet taghmel, u kien jistaqsi ghaliha ma' membri tal-familja. It-tifla M kienet tmur skola primarja iz-Zurrieq minflok Hal-Kirkop biex jkunu jistghu jwassluha ix-xhud u martu.

Hu rrakkonta li kien urtat mill-fatt li meta gew biex jbieghu bicca art tal-familja, kienu qalu lil R biex issib il-bejgh taghha, u hi tant iddejqet li pprettendiet LM5000 apparti sehemha. Hi kkonferma li fis-sajf tas-sena 2011 ir-relazzjoni bejn il-partijiet gia' hazina kompliet tmur ghall-aghar. Semma ukoll il-kas li in-numru tal-mobile tal-attrici kien jidher ta' spiss fuq dak tar-ragel ta' certa Doreen Agius, konoxxenza tieghu li sseparat minn mar-r-ragel taghha.

Ramona Callus, fl-affidavit taghha, Fol 144, kkonfermat li hi l-mara ta' Francis li hu l-kugin tal-attrici, li ilha tafha madwar 18 il-sena. Hi ukoll semmiet l-incident stramb meta kienu ghadhom gharajjes u l-attrici ppretendiet li jiehdu maghhom il-Belt lit-tifla tal-attrici, li kienet tarbija ta' hmistax. Hi qalet li l-attrici kienet tghir ghar-ragel u darba kienet maghha meta marru fuq il-lant tax-xoghol tal-konvenut ghax l-attrici kienet bdied tahseb hazin fih, u ddejqet meta sabitu hemm. Semmiet ukoll l-incident meta l-attrici tefghet fanal ta' karozza li kien fil-garage lejn il-konvenut izda ma laqtitux. Ikkonfermat li l-attrici ttraskurat t-trobbija tat-tfal tant li lit-tifla kienu jiehduha hi u l-gharus taghha l-iskola. Anke dwar l-ikel l-attrici kienet ittraskurat lill-familja, tant li x-xhud u zewgha, kienu kultant jaghtu lill-R u lit-tfal xi ikel billi l-attrici dan ma kinitx taghmlu, billi kienet tghid li tahdem man-nies gurnata shiha.

Semmiet li meta kellha tarbija, l-attrici rrimarkat jekk kinitx marret ma' zewgha, billi it-tarbija kienet tixbah lil bintha.

Irreferit ukoll ghall-incident meta l-attrici pprettendiet LM5000 addizzjonali fl-okkazzjoni tal-bejgh ta' bicca art fejn l-attrici u r-ragel tax-xhud kienu ko-propjetarji. Semmiet ukoll c-cirkostanza stramba tal-habiba taghha, Doreen Agius, li sseparat minn zewgha, Charlie, li kien spiss jikkomunika mal-attrici bil-mobile.

Haj Habo Hamid, fl-affidavit tieghu,Fol 146, iddikjara li  kien habib tal-partijiet ghal madwar 9 snin, lill-konvenut R jittrattah daqs li kieku kien huh. Hu kkonferma li minn xi sentejn qabel R kien qallu li iz-zwieg tieghu mal-attrici kien qed jisfaxxa. Hu qal li kieku ried il-hbiberija tieghu mal-attrici, kienet tizviluppa f'relazzjoni, billi kien jidher ovvju li l-attrici kienet disposta tidhol f'relazzjoni mieghu. Hu rrealizza li l-attrici ma kienx jimportaha mid-dar, ikel lir-ragel ma kienitx tipprepara u kienet tghid li jekk jrid jsajjar hu. Qal ukoll li bejn April u Mejju 2012 wassal lill-attrici darbtejn ghand certa Yoda, pero' x'kienet ir-raguni ma jafx.

Ruth Psaila, n-neputija tal-konvenut, fl-affidavit taghha Fol147, semmiet incident meta kellha biss hmistax il-sena meta kienet fil-kumpanija tal-konvenut u t-tifel tieghu, Roderick, u l-attrici dahlet fil-kamra tghajjat u titkellem b'mod aggressiv. Semmiet ukoll incident, xi zmien qabel is-separazzjoni, meta rat lill-attrici ghand

Yoda, li hi persuna li taqra ix-xorti, u qaltilha li lil R tixtieq tkissru u tarah imsallab u hadet maghha ritratti tieghu biex din Yoda taghmillu il-maghmul.

Il-konvenut Rne B ppresenta l-affidavit tieghu b'nota pprezentata fit-30 ta' Dicembru 2013 Fol 152. Hu kkoferma li zzewweg lill-attrici fis-27 ta' Gunju 1988 wara sena u nofs gharusija. Hi riedet jizzewgu malajr biex titlaq mid-dar tal-genituri taghha, u wara iz-zwieg marru jghixu ghand ommu. F'dak iz-zmien hu kien jahdem ma' Ellul Brothers, u meta kien jirritorna id-dar mix-xoghol ma kienx isib x'jiekol tant li gieli mar ghand ommha jew ghand ohtha. Hu haseb li dan kien biss sakemm tidra, izda hekk baqghet anke wara li kellhom it-tfal. Hu jghid li kellha ghira eccessiva u ma seta jmur imkien. Kienet dejjem tahseb hazin fih, kien jkollhom hafna argumenti ta' spiss tant li ddecieda fin-1992/1993 li jitlaq mix-xoghol, pero' il-problema xorta ma ssolvitx. Wara ghamel xi hames snin jahdem ma' Rocut san-1997, xtraw l-appartament bl-iskema tal-Lohombus u telqu minn ghand ommu u haseb li s-sitwazzjoni ta' bejniethom tirranga, izda hi baqghet tghir hafna tant li l-anqas fil-gallerija ma seta johrog. Fin-1995, twieldet it-tifla, u fl-istess sena l-attrici bdiet tbati minn depression, izda il-pilloli li kien jaghtiha t-tabib ma kinitx tohodhom. Bejn it-2001 u it-2002 il-konvenut hadem ma' kuntrattur, il-flus kollha li kien jaqla', anke min xoghol part time, kien jaghtihom lill-mara, kien izzomm LM10 biss ghalih biex jixtri d-diesel. Hi kienet tghidlu li tahdem man-nies, izda qatt ma qaltlu x'kienet taqla' u jekk qalghet xi flus minn dan ix-xoghol il-flus zammithom ghaliha.

Kien hemm okkazjoni meta V darba cemplitlu fuq ix-xoghol biex tghidlu li hi u ohtha Grace marru jiehdu kafe' ma' Abdel u Ashur, Palestinjan u Iraqin. Il-konvenut jghid li minn dak iz-zmien il-problemi taghhom fiz-zwieg komplew jikbru, u ghalkemm hu pprova jsolvi dawn il-problemi kien kollu ghal xejn.

Fis-sena 2001 l-attrici, bdiet tkun spiss ghand iz-ziju taghha, Joseph Gerada, li kien ghadu kif issepara minn martu. Bejn it-2001 u it-2005 kienet taghmel granet shah ghandu anke sa tard bil-lejl. L-attrici kienet tohrog kuljum wahedha, partikolarment fis-sajf, u it-tfal u l-konvenut kienu jibqghu id-dar. Il-hinijiet taghha tal-hrug kienu bla limiti, u meta kienu johorgu flimkien bhala familja l-konvenut kien jirritorna id-dar bit-tfal u hi tibqa' barra. Dan gab bhala konsegwenza li it-tfal ghandhom relazzjoni tajba hafna mal-konvenut, mhux tant mal-attrici.

Meta mietu l-genituri tal-attrici, iz-zija taghha, Carmela Callus, talbet lill-konvenut isibilhom il-bejgh ta' bicca art, billi kien jaf xi kontratturi, l-attrici ma kienitx kuntenta billi l-konvenut kien ser jithallas tas-senserija. Hu kkonferma li l-art nbieghet ghal LM150,000 u hu thallas LM3000 senserija. Xtara van bil-valur ta' LM3,500, u fl-istess zmien l-attrici ghamlet xi benefikati fid-dar. Il-konvenut jghid li ma jafx x'ghamlet bil-kumplament tal-flus.

Il-konvenut stqarr li fl-2005 r-relazzjonijiet intimi ta bejniethom spiccaw u dan peress li l-attrici bdiet tirrifjuta li jkollhom relazzjonijiet intimi. Bejn it-2005 u t-2009 il-konvenut hadem bhala *self employed* fix-xoghol tal-bini, ghalkemm qala' l-flus min dan ix-xoghol id-dhul kien ivarja, izda bhala medja hu kien jaghtiha madwar Euro800 fix-xahar. Il-kontijiet kien jhallashom kollha hu, inkluz l-uniformijiet tat-tfal. L-attrici kienet tilmenta li l-flus ma jservhuhiex, pero' xirja qatt ma kienet taghmel u baqghet tippersisti fil-hrug taghha.

Fis-sena 2009 l-konvenut waqaf mix-xoghol ta' *self employed* u mar jahdem go fabbrika AJC fil-Marsa, f'dan iz-zmien kien jaghti lill-attrici bejn Euro 600 u Euro 700 fix-xhar. Hi kienet tilmenta li ma kienx hemm flus ghall-ikel u hu spicca ddejjen ma' St Martin's Confectionery. Il-konvenut jinsisti li l-attrici l-flus kienet tonfoqhom fuq il-kapricci taghha, bhal hairdresser, nail technician u xiri ta' hwejjeg u accessorji.

Il-konvenut jghid li fis-sena 2010 kien talabha biex tikkontribwixxi fix-xoghol tad-dar, u meta hi rrifjutat, iddecida li jaghmel kollox hu anke ix-xoghol tad-dar. Hi kienet tghaddi bi flusha u hu bil-paga kien jaghmel kollox. It-tindif tad-dar kien jsir mill-konvenut u t-tfal. Fis-sena 2011 ipprova jerga jafdaha bil-paga, izda kien kollu ta' xejn billi kollox mar lura ghal li kien.

Fit-2 ta' Awissu 2012 il-konvenut ddecieda li jaghmel l-uniku pass li kien fadallu u telaq mid-dar, it-tifla marret mieghu u it-tifel mar maghhom l-ghada.

Hu jghid li martu naqset milli tibni relazzjoni tajba mat-tfal, mentri hu, nonostanti kollox qatt ma refa' idejh fuqha. Kien hemm okkazjoni ta' darba meta kellu jimbutaha billi fizikament kienet qed izzommu milli johrog mid-dar. L-attrici baqghet taghmillu r-rapporti l-Ghassa tal-Pulizija anke wara li kien telaq mid-dar.

Hu kkonferma li ghal diversi snin mis-sena 2007 l-attrici kienet tmur darba kull hmistax ghand certa Yoda, li taqra x-xorti u tithallas Euro 40 kull darba. Jghid li xerdet ahbar falza dwaru li kellu cancer, u kienet dejjem izomm il-mobile taghha vicin taghha biex ma jarah hadd.

Finalment iddikjara li qed jghix mat-tfal ghand huh, billi kien impossibbli ghalih li jibqa jghix fid-dar matrimonjali. Ghamel xi zmien jahdem bhala part-time maintenance u kien jaqla' Euro 236 kull hmistax, pero' meta pprezenta l-affidavit, f'Dicembru 2013 kien jinsab dizokkupat.

Doreen Agius, fl-affidavit taghha, Fol.171 iddikjarat li hi u zewgha Charles kienu ilhom separati seba' snin. F'dak iz-zmien kienet rat numru fuq il-mobile tieghu li ma kinitx taf ta' minn kien. Hi kienet cemplet dan in-numru, rrispondiet mara,

qaltilha biex jiltaqghu, izda din qaltilha li ma kienx hemm ghalfejn ghax taf minn hi. Wara li kienet sseparat, Frans Callus, ir-ragel ta' habiba taghha gharaf in-numru li kien tal-kugina tieghu, V B, l-attrici. Hi ma tafx jekk bejn r-ragel li kellha u l-attrici kienx hemm xi relazzjoni, li taf hu li zewgha qatt ma kien qalilha li kien jaf lil V B.

M B, bint il-partijiet, fl-affidavit taghha Fol. 172, iddikjarat li l-inkwit bejn il-genituri taghha kien ilu ghaddej, u graw diversi incidenti li baqghu impressi fil-memorja taghha. Ghalkemm ir-relazzjoni ta bejniethom ma kinitx tajba, missierha dejjem baqa jaghti l-flus lil ommha, hafna drabi ic-cheque kitbitu hi stess, gieli anke ta' aktar meta kienet tilmenta li spiccat bla flus.

Hi tghid li kien stramb kif ommha tispicca bla flus meta l-kontijiet kien jhallashom kollha missierha. L-infiq tal-omm kien bla pjan tant li xi drabi lanqas ghax-xirja ta' kuljum ma kien hemm flus. Meta il-missier ha f'idejh it-tqassim tal-flus ma kellhomx dawn il-problemi, kien jhallas kollox u anke beda jfaddal xi haga.

Hi kkonfermat li ommha kellha xi dhul minn xoghol ta' tindif li kienet taghmel fi play school u ghand il-Busy Bee. Fid-dar pero' l-omm kienet titraskura t-tisjir u t-tindif, gieli marret l-iskola bla ikel ghax ommha ma tkunx xtrat hobz. Ikkonfermat li l-omm kienet tonfoq sew fuq il-kapricci li kellha, kienet tmur ghand Yoda, persuna li taqra ix-xorti, kienet tohrog kuljum, tmur regolarment taghmel xaghrha u d-dwiefer. Mis-sena 2005 l-omm saret ostili fil-konfront tal-missier, kienet tghid li ser titfghu il-habs, kienet taghajru ghax jaghazel li jibqa' d-dar mat-tfal flok il-hrug ta' kull jum maghha. Semmiet incident fejn l-omm waddbet it-te' fl-art u l-missier jnaddaf warajha, kienet tghiru li ma kien kapaci ghal xejn, u darba ohra waddbet tazza lejn it-tifla, li dehrilha li ma kienitx qed tahsel sew. Kienet anke tkun aggressiva mat-tifel jekk ma kienx jaghtiha xi flus minn dak li kien jaqla'. Tghid li oht ommha, Margaret Mangion, darba qaltilha li l-omm siefret u hallsilha kollox it-tabib Gauci, darba ohra ghadda bil-karozza, ir-ragel ta' Doreen Agius, Charles u kien ovvju li l-omm kienet tafu.

L-omm kienet tghid lir-ragel li ddejjqet u tasal biex taghmel kawza ta' separazzjoni.

L-attrici, in konto-ezami, Fol.187 giet murija numru ta' ritratti fejn hi tidher ma rgiel u nisa li hi ddikjarat li kienu biss hbieb u cahdet li kellha xi relazzjoni ma' xi hadd minnhom.

Il-konvenut, in konto ezami, Fol.199, jghid li mill-bidu nett meta kien jirritorna d-dar mix-xoghol la kien isib ikel x'jiekol u lanqas lill-attrici. Jghid li tant kienet tghir ghalih li ma kienx johrog mid-dar hlief ghax-xoghol. Hi kienet tghid li hutu

jghawwu lill-ommu ghaliha, meta kienu ghadhom jghixu maghha. Meta marru ghar-rashom xorta baqghet ghajjura, l-anqas kien jista' johrog fil-gallarija jew jitla' fuq il-bejt. Kienet tbaghati minn depression u hu kien jakkompanjaha meta kienet tmur ghand il-Professur George Debono. Il-konvenut ddikjara li ma kinitx tiehu il-pilloli kif ikun irrokkomanda il-psikjatra, kienet tiehu parti biss mill-pilloli. Kienet dejjem tilmenta li l-flus li kien jaghtiha ma kienux bizzejjed, pero' jghid li aktar ma setax jaghtiha.

Ikkunsidrat;

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, Fol. 228, l-attrici ssottomettiet illi llum l-unika pendenza li fadal bejn il-partijiet tirrigwarda d-dar matrimonjali, Block 1 Flat 8, Wiehed u Ghoxrin ta' Settembru 1964, Kirkop, liema flat kien inxtara minghand il-Gvern matul iz-zwieg tal-partijiet.  Dan il-flat illum hu okkupat mill-attrici.  L-attrici ddikjarat li barra minn sehemha tal-flat hija ghandha pretensjoni ekwivalenti ghal Lm15,000, ammont minnha reklamat rapprezentanti benefikati minnha maghmula fid-dar matrimonjali minn flus parafernali.

Il-konvenut, fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, Fol. 222, ssottometta li l-Qorti ghandha tiddikjara l-firda personali bejniethom izda dan ghar-ragunijiet unikament imputabbli ghall-istess attrici.

Jissottometti illi l-Qorti ghandha ssib lill-attrici unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg minhabba li ma kinitx tiehu hsieb il-familja, kienet irrisponsabbli u li naqset, bhala omm, mill-obbligi taghha.

Ikkunsidrat;

KONSIDERAZZJONIJIET.

Id-disposizzjonijiet tal-ligi rilevanti ghall-kawza odjerna huma dawk li jitrattaw il-Firda Personali, senjatament Artikoli 35 sa 66 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 40 jipprovdi hekk:

"Kull wahda mill-persuni mizzewgin flimkien tista titlob il-firda minhabba eccessi, mohqrija,theddid jew offizi gravi tal-parti l-ohra kontra l-attur, jew kontra xi wiehed jew iehor mit-tfal tieghu, jew minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabilment."

Artikolu 44:

"Il-fatt li jkun hemm ragunijiet li ghalihom sew ir-ragel kemm il-mara jistghu jitolbu l-firda, mhux ta' xkiel ghall-wiehed jew ghall-ohra li jitolbu l-firda kontra xulxin".

Il-konsegwenzi ghal min mir-ragel jew il-mara jaghti lok ghall-firda huma elenkati fl-artikolu 48 li jghid hekk:

48(1) Il-parti, r-ragel jew il-mara, illi tkun il-hatja tal-firda ghal wahda mir-ragunijiet msemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef-

(a) Il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631,633,825,826 u 827;

(b)Dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-ohra b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew taht titolu iehor gratwit;

(c) Kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;

(d) Il-jedd li iggiehel lill-parti l-ohra,f'kull kas, li taghtiha manteniment bis-sahha tal-obbligu li jitnissel miz-zwieg.

L-artikoli imsemmija fis-sub-inciz (a) jirreferu ghad-drittijiet successorji bejn il-konjugi.

Skond l-artikolu 51 meta il-firda issir minhabba xi wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista jkollha l-effetti imsemmijin fl-artikolu 48 meta il-Qorti jidhrilha li, taht ic-cirkostanzi tal-kas, ghandhom jghoddu f'kollox jew in parti, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu.

Skond l-artikolu 52 l-Qorti ghandha d-diskrezzjoni, li tiddeciedi jekk dawn ghandhomx jghoddu ghar-ragel u ghall-mara, jew ghal wiehed jew ghall-ohra biss, jew ghal hadd minnhom.

Ikkunsidrat;

Fil-kas in ezami rrizulta mill-provi, li l-partijiet zzewwgu fis-27 ta' Gunju 1988, ghandhom zewgt itfal, Rodrick u M li illum huma t-tnejn maggorenni.

Immedjatament wara li zzewgu marru jghixu ghand omm il-konvenut, u fit-22 ta' Mejju 1991 xtraw minn ghand l-Awtorita' tad-Djar, b'self mill-Lohombus Corporation Limited, il-Flat 8 fi block appartamenti jisimhom Wiehed u Ghoxrin ta' Settembru 1964, f'Hal-Kirkop, u marru jghixu f'dan l-appartment.

L-attrici tilmenta li l-konvenut kien vjolenti maghha, u ghamlet diversi rapporti mal-Pulizija, u li kien jhalliha nieqsa mill-flus.

Il-konvenut, mill-banda l-ohra, jinsisti li qatt ma kien vjolenti maghha, li dejjem kien jaghatiha flus sufficjenti izda ma kienux isservuha minnhabba il-kapricci zejda taghha. In fatti meta beda jiehu hsieb l-ispejjez tal-hajja hu ma kellhomx problemi. Kemm il-konvenut, kif ukoll binthom, ikkonfermaw li l-attrici ma kienitx issajjar u l-anqas tiehu hsieb it-tindif tad-dar.

Skond il-konvenut, l-attrici kienet tghir hafna ghalih, bdiet tbati minn depression, beda jkollhom argumenti ta' spiss bejniethom, u kienet tirrifjuta relazzjonijiet intimi mieghu.

L-attrici kienet tohrog wahedha spiss, fis-sajf kuljum, il-partijiet ma baqghux jikkommunikaw u ghalkemm kienu jikkoabitaw kienu qed jghixu indipendentement minn xulxin. L-incidenti u l-argumenti komplew jizdiedu bejniethom, u fis-7 ta' Lulju 2011 l-konvenut telaq mid-dar konjugali billi hass li il-konvivenza mal-attrici martu ma baqghetx aktar possibbli.

Ikkunsidrat;

Dan hu kaz fejn il-partijiet naqsu li jghinu u jifhmu lil xulxin meta c-cirkostanzi kienu hekk jirrikjedu. Il-partijiet, meta rrealizzaw li kellhom problemi reali fir-relazzjoni taghhom, naqsu li jiefqu u jirrflettu, u flimkien jiddiskutu x'kienu l-problemi ta' bejniethom u kif kienu ser jsolvuhom, jekk hemm bzonn bl-ghajnuna ta' esperti tal-familja.

Fir-rikors guramentat taghha l-attrici takkuza lill-konvenut zewgha b'sevizzi, theddid u ingurji gravi kif ukoll li halliha minghajr manteniment. Hija resqet bhala xhieda rapprezentant mid-Domestic Violence Unit tal-Agenzija Appogg kif ukoll ipprezentat numru ta' rapporti li ghamlet lill-Pulizija. Xehdet kif il-konvenut gieli refa' jdejgh fuqha. F'rapport li jmur lura ghad-29 ta' Ottubru 2008 jinghad illi l-attrici kienet ghamlet rapport fl-Ghassa tal-Pulizija li l-konvenut kien qabadha minn ghonqa f'argument li kellhom minhabba li hi ma sajjritx peress li l-konvenut ma halliliex flus. Hija kienet ukoll esebiet certifikat mediku rilaxxjat minn Dr J C Abela mill-poliklinika tal-Furjana fejn jiccertifika li l-attrici kellha feriti ta' natura hafifa. Il-Pulizija kienu ipprocedew biex fethu kawza izda ma

intqalx x'kien l-ezitu.  Ir-rapporti l-ohra li gew esebiti jirrigwardaw istanzi fejn l-attrici talbet l-assistenza tal-pulizija peress li kienet qed tibza minn zewgha.  Kif tajjeb osserva is-Surgent PS 879 Josef Galea fir-rapport li irceva fid-29 ta' Lulju 2011 "il-familja ghandha bzonn ghajnuna ta' social worker u family therapist, ghalhekk il-Pulizija taghtom parir sabiex javvicinaw social worker ghall-ghajnuna. "  Jidher pero' li l-partijiet baqghu qatt ma attendew ghand family therapist.

Huwa evidenti li episodji ta' vjolenza da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici kien hemm. Episodji ta' vjolenza huma dejjem serji, aktar u aktar meta  jissuccedu f'ambitu familjari. Il-vjolenza da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici kienet tinkludi wkoll vjolenza psikologika fejn il-konvenut kien spiss isemmielha li ried tebut taht is-sodda. Huwa evidenti ghall-Qorti illi tali vjolenza psikologika kellha konsegwenzi dizastruzi fuq l-attrici tenut kont li tbati minn 'depression'.

L-anqas ma rrizulta li l-partijiet trattaw b'mod responsabbli l-kundizzjoni tad-depression tal-attrici. L-konvenut jghid li kien jmur maghha ghand il-psikjatra, pero' kellu atteggjament passiv  billi jekk kien jaf li martu ma kinitx qed tiehu il-pilloli li kien ippreskriva l-konsulent, kellu l-obbligu li b'xi mod jinfurmah, billi l-kondizzjoni taghha ma kinitx ser timmiljora jekk ma tiehux il-kura u d-doza lilha rakkomandata.

Problemi fiz-zwieg huma tista' tghid sine qua non fil-hajja matrimonjali.  Id-differenza bejn jekk tali problemi jwasslux sabiex zwieg jitkisser irrimedjabbilment huwa l-mod kif il-konjugi jitrattaw il-problemi ta' bejniethom. Fil-kaz tal-partijiet f'din il-kawza minflok ma ppruvaw isibu rimedju kull parti marti ghal rasha filwaqt li baqghu jghixu taht l-istess saqaf. Il-partijiet ma baqghux jikkomunikaw ma' xulxin u ghalkemm kienu jikkoabitaw kienu qed jghixu sentimentalment u materjalment indipendenti u indifferenti minn xulxin.

Fil-fehma tal-Qorti lanqas il-problema finanzjarja ma kienet tant serja li kellha twassal ghat-tkissir taz-zwieg. Kieku l-partijiet gharfu jorganizzaw u iddixxiplinaw ruhhom kienu jsibu soluzzjoni, ta' management tal-ispejjez tad-dar u tal-hajja. Dan ma sarx ghax kien hemm nuqqas assolut ta' komunikazzjoni bejniethom. Ma rrizultax li ppruvaw jitkellmu dwar din il-kwistjoni, u forsi jiftehemu kif il-mara setghat timmodera fl-infieq taghha fuq htigijiet pesonali, b'mod li ma tippregudikax l-ammont li kellhom disponibbli ghall-ispejjez tal-hajja ta' kuljum. Dan hu nuqqas li ghalih ghandhom jirrispondu t-tnejn ugwalment.

Jirrizulta wkoll li l-mara abdikat mid-dmirijiet taghha sew versu zewgha kif ukoll versu uliedha tant li bdiet tohrog ma' hbieb taghha anke fost il-gimgha. Fl-atti hemm evidenza li l-kumpanija li kienet tkun maghha kienet tikkonsisiti sew f'nisa

kif ukoll f'irgiel. Ghalkemm ma gie ppruvat sal-grad li trid il-ligi li l-attrici ikkommettiet adulterju, il-provi mressqa ma jhallu l-ebda dubju li l-agir tal-attrici f'kuntest matrimonjali jammonta ghal ingurji gravi kommessi mill-attrici fil-konfront tal-konvenut.

Fil-fehma tal-Qorti l-falliment taz-zwieg tal-partijiet hu r-responsabilita' taghhom it-tnejn ugwalment.

Dwar l-aspett patrimonjali l-unika assi appartenenti l-komunjoni li saret prova dwarha hija l-appartament li kien jintuza bhala d-dar matrimonjali u li llum tirrisjedi biss fih l-attrici. Ghalkemm l-attrici allegat li ghandha tiehu xi flus rapprezentanti flus parafernali li skond l-attrici intuzaw sabiex saru benefikati fid-dar, ma saret l-ebda prova sodisfacenti f'dan ir-rigward. Ghalhekk il-Qorti qed tiddeciedi illi l-attrici naqset milli tipprova sodisfacentement li ghandha xi kreditu kontra l-komunjoni.

Hija wkoll il-fehma tal-Qorti illi l-gravita' tal-htija taz-zewg nahat ghandha twassal sabiex jigu komminati fil-konfront taz-zewg partijiet is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikoli 48 et seq tal-Kodici Civili.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi;

1. Tilqa' parzjalment l-ewwel eccezzjoni, u tilqa' parzjalment l-ewwel talba attrici, u tiddikjara d-divorzju tal-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli ghat-tnejn ugwalment;

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba attrici,u tat-tielet eccezzjoni tal-konvenut, billi fil-mori tal-kawza, binthom M saret maggorenni;

3. Tilqa' r-raba eccezzjoni tal-konvenut u tichad it-tielet talba attrici;

4 Tilqa' r-raba' talba attrici, tittermina l-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejniethom u tordna li flat numru tmienja (8), blokk numru wiehed (1), Triq 21 ta' Settembru 1964, Hal Kirkop, jinbiegh fiz-zmien tlett xhur millum u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

5. Tilqa' parzjalment il-hames talba attrici u tilqa' parzjalment is-sitt eccezzjoni tal-konvenut, tikkommina kontra l-partijiet is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikoli 48 et sequitur tal-Kodici Civili.

6. Tichad is-sitt talba attrici u tichad is-seba eccezzjoni tal-konvenut.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**